Minuti tal-10 laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis, 19 ta' Diċembru, 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'5.30 pm.

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |
| | |
| Skuzat: | |
| Victor Cefai | Viċi-Sindku |

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 9, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**
   - Taħriġ fuq il-kompjuter għaċ-ċittadini mill-MCA fil-Fontana – il-Kunsill qabel li dan it-tip ta' taħriġ jiġi offrut lir-residenti tal-Fontana u għalhekk qabbad lill-A/SE biex tikkomunika mal-MCA għal aktar informazzjoni.
   - Is-Sindku spjega lill-preżenti li hemm problema fl-isem tal-Isqaq il-Mitħna ta' Randu peress li fuq il-mappa tal-MEPA tidher bħala Sqaq il-Qalb ta' Ġesu. Is-sindku se jiċċekja kif trid issir l-applikazzjoni b'DNO mal-MEPA biex jsir l-iżvilupp f'dan l-isqaq.
   - Il-Kunsill irċieva l-iscreaning letter mill-MEPA dwar r-ri-applikazzjoni taċ-Ċentru Ċiviku.
   - Health Insurance Policy mal-All Care Insurance Limited bħala pakkett offrut mill-AKL għall-Kunsilli kollha. Il-Kunsill approva li issir din l-*health insurance*.
   - Ħlas tal-*performance right society* ta' €20 – il-Kunsill approva li jsir dan il-ħlas.
   - Is-sindku attenda laqgħa msejħa mir-Reġjun t'Għawdex rigward id-devoluzzjoni tal-*street lightning* nhar 18 ta' Diċembru, 2013.
   - Il-Kunsill irċieva kont għax xogħlijiet li saru mingħand Joseph Mizzi fil-proġett tat-tieni fażi ta' Triq Wied Siekel ta' li jammonta għal €643.29. Il-Perit John Saliba ivverifika dan il-kont u ix-xogħol li sar bi €15 inqas. Il-Kunsill qabel li dan il-kont jitħallas.
   - L-A/SE qalet li l-Gozo Action Group u l-Managing Authority approvaw l-*claim* fuq il-pavimentar ta' Wied Siekel taħt il-programm measure 313. Issa jonqos li tiġi



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

nstallata *PVC board* li turi li l-fondi huma tal-Unjoni Ewropea. Il-Preżenti qablu li din tiġi ordnata u nstallata mingħand l-SMC Ltd.

- Ir-Rotta ta' l-Arriva għax-Xlendi għada ma bdietx kif kellha issir fil-bidu ta' Novembru.
- Żvilupp fuq l-iskema tar-Restawr – l-A/SE spejgat li irċiviet *email* mid-Dipartiment li tindika li sal-aħħar ta' Diċembru ried ikun lest ix-xogħol tar-restawr fin-niċċa. Is-Sindku qal li huwa ċempel kemm il-darba lil Perita Ivana Farrugia biex isir jaf f'xiex wasal il-proċess tal-MEPA peress li diġà saret l-applikazzjoni, iżda din ma rrispondietx t-telefonati tiegħu. Il-Kunsill qabel li nistaqsu lill-Perita Farrugia biex jiġi determinat jekk għandhiex il-ħsieb li tkompli b'dan il-proġett.
- *Statement* mingħand Ellis Ltd jitlob il-ħlas tal-madum li tpoġġa fuq iz-zuntier tal-Knisja. Is-Sindku qal li meta sar fis-sena 2012 kien hemm xi madum difettuż u l-kunsill informa lil A.F. Ellis. Il-Kunsill qabel li tinġab kopja tal-*invoice* oriġinali mingħand Ellis Ltd u wara jitkejjel il-madum u jara x'madum hemm ħazin mill-perit Gordon Vella.
- Isir rapport li l-*computers/printers* li hawn fil-kunsill biex jiġu *written off* fl-*Accounts* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan ir-rapport isir minn Daniel Zerafa u wara jiġi approvat mill-Kunsill.
- Sinjali tat-traffiku fit-Triq il-Għajn, mil-Knisja 'l isfel għadhom ma sarux mill-Gvern Ċentrali – il-Kunsill għandu jiċċekja meta dawn se jsiru.
- Ikla tal-Milied għal-anzjani – is-Sindku qal li ma kienx hemm kommunikat mill-anzjani biex issir ikla flimkien fis-sala tal-Komunità, ħlief għal tlieta u għalhekk il-kunsill qabel li se jsir bħas-snin l-imgħoddija fejn titqassam ikla d-dar.
- Is-SE qajmet l-punt tal-*allowance* dovut lil Victor Cefai peress li naqas mill-jattendi numru ta' laqgħat – nitolbu kjarifikazzjoni mid-Dipartiment fuq dan il-punt.
- Hemm bżonn ta' grada fejn it-tarag li jagħti għal Triq Għajn Tuta – isir rapport tat-triq lill-Ministeru għal Għawdex biex issir din il-grada. Din hija parti mill-proġett tax-Xlendi u hemm periklu pubbliku peress li l-culvert huwa mogħti bil-pellets ta' l-injam.
- Sar it-twaħħil tar-rixtellu li kellu jsir fil-bidu tat-taraġ li jagħti għal playing field.
- Waslu l-*outdoor gym equipment*, u għandu jiġi nstallat kmieni fis-sena d-dieħla.
- Sar il-ħlas ta' €500 lil Gozo Action Group tal-Proġett Leader għas-snin 2007-2013.
- Waqgħet parti oħra mill-fond 189-190 fi Triq il-Għajn fejn hu propost li jinbena l-uffiċċju tal-kunsill. Saret żjara fil-post mis-Sindku u l-Avukat J Paul Grech.
- Sar ix-xogħol tat-tarmak ħdejn il-Wied tax-Xlendi kif kien talab il-kunsill lid-dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi Triq Munxar. Dan sar mill-kuntrattur li kien qed jagħmel xogħol ta' culvert tal-Enemalta.
- Sar is-suffitt li jagħti għat-*toilets* tas-Sala tal-Komunita.
- Bħas-sena l-oħra saret żjara minn grupp ta' studenti mill-Kulleġġ Stella Maris tal-Gżira. Huma ngħataw tagħrif mis-Sindku dwar l-Għejjun u x-xelter tal-gwerra fi Pjazza l-Għejjun, Wied il-Lunzjata u Wied Siekel.
- Tpoġġew għal użu pubbliku tliet bankijiet tal-ġebel f'tarf Għajn Tuta li twassal għal Wied il-Lunzjata.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boy

- Sar il-ftuħ tal-wirja ta' artiġjanat maħdum fil-Fontana, mis-Sindku, fil-preżenza tal-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia. Din ġiet imbierka mill-Kappillan Kan John Muscat.
- Ġiet iċċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr fl-okkażżjoni ta' l-20 sena mit-twaqqif tal-kunsilli lokali. Wara ġie mbierek il-monument tas-sajjieda mill-Kappillan John Muscat, wara li tqiegħed fuq il-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Tqiegħdet ukoll kuruna mis-Sindku. Wara saret serata soċjokulturali fis-Sala tal-Komunità. Ħadu sehem il-Brass Tubes, Francesca Scibberras u Mary C Xuereb. Wara l-messaġġ mis-Sindku ġie ippreżentat it-trofew lis-Sur John Baptist Theuma bħala rikonoxximent tal-ħidma volontarja li jwettaq fil-paroċċa. Attendew is-Sindku, u l-kunsilliera Horace Micallef, Carmel Farrugia u Mario Mercieca. Waqt l-attivita saret ġabra għal Community Chest Fund.
- Saret ħarġa soċjo-kulturali f'Malta, fejn saret żjara fil-Palazz Verdala fejn kien hemm quddiesa fil-Kappella ta' Sant Anton. Din il-quddiesa tqadset mill-Kappillan Kan John Muscat. Wara saret dawra mal-Palazz li tmexxiet mis-Sur Twanny Mifsud. Ingħata ħin liberu fil-Belt Valletta, kif ukoll fl-istabbiliment Daniels fil-Ħamrun. Attendew 45 persuna fosthom is-Sindku u l-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.
- Saret żjara mill-Perit Gordon Vella flimkien mas-Sindku, f'tarf triq J.Gaspard Le Merchant biex isir l-aħħar xogħol fuq 35 metru ta' din it-triq.
- Is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef attendew għal laqgħa LEAP li kienet dwar persuni vulnerabbli biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Din saret fil-Banca Giuratale u kienet organizzata mill-Ministeru tal-Politika Soċjali u mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali.
- Saret ħarġa soċjo kulturali ta' nofs ta' nhar f'Għawdex, fejn kien hemm quddiesa fil-knisja ta' Santa Luċija fl-okkażżjoni tal-festa. Saret żjara wkoll il-Visitors Centre fid-Dwejra, u Marsalforn fejn ġie preparat kafè u *snack* fil-lukanda Calypso. Attendew 37 persuna fosthom is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef.
- Ħarġet l-offerta għal ġbir ta' l-iskart domestiku, *safety carpets* għal-*gym* u parti mill-*playing field*, kif ukoll għal *Live Streaming* tal-laqgħat tal-kunsill. Dawn se jinfetħu tul il-laqgħa li jmiss.

4. **<u>MEMO 31/2013 – Binjiet fil-Lokalità</u>**

Is-sindku qara l-MEMO lill-preżenti u wara diskussjoni l-Kunsill qabel li joffri s-Sala tal-Komunità għal-iskop ta' din il-MEMO biex jiġu mġedda l-karti ta' l-identita. Dan ried isir skond il- *Buy Law*.

5. **<u>Materji Oħra</u>**

Horace:

- Laqgħa Plenarja – tul din il-laqgħa ġew diskussi skemi fuq ir-restawr tan-niċeċ, is-sistema tal-LES, u xi skemi għal fondi speċjali għall-Kunsilli.
- Staqsa rigward l-pagament lura lill-Kunsill tas-salarju ta' Christine Fenech – l-A/SE qalet ukoll li qed isir kommunikat mas-Sur John De Giorgio, li huwa l-


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Bo

persuna nkarigata li toħroġ dawn il-pagamenti, u suppost se jsir dan fil-ġimgħat li ġejjin.

6. **Ilmenti/Suġġerimenti**

- Talba għal *Double yellow line* fit-Triq San Martin biex tkun tista' tidħol *coach* – il-kunsill approva din it-talba.
- Periklu fit-Triq il-Kardinal Alessandro Franchi bil-jokki li hemm fuq il-bankina – nikkuntatjaw lis-sid tar-residenza.

7. **Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fl-6pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 23 ta' Jannar, 2013 fit-5.30pm.

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555